MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tal-15 ta' Settembru, 2004

Talba Numru. 736/2003

**Atlas Insurance Agency Limited u dawn bhala agenti ta' AXA Insurance PLC, kif surrogati bil-ligi u bil-polza fid-drittijiet tal-assigurat taghhom Lawrence Gautreaux u l-istess Lawrence Gautreaux f'ismu proprju**

**vs**

**Stefan Bartolo**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-11 ta' April, 2004, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-atturi s-somma ta' erba' mija u tnejn u tletin lira Maltin (Lm432) rappresentanti danni mhallsa mill-attur nomine fuq il-vettura CBE 554 assigurata *comprehensive* hlief ghal Lm50 *excess* u ghal liema somma l-attur nomine jinsab surrogat fid-drittijiet ta' Lawrence Gautreaux u dana b'rizultat ta' habta li grat fis-16 ta' Gunju 2002 gol-

Manikata waqt li l-konvenut kien qed issuq il-vettura EAW 124 u habat mal-vettura CBE 554 ta'l-attur u misjuqa minnu u ghal liema incident l-konvenut huwa unikament responsabbli.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta'l-ittri ufficjali tal-15 ta' Novembru 2002 u tas-17 ta' Jannar 2003 u bl-imghax tat-8% fuq Lm432 mill-15 ta' Novembru 2002 sal-hlas effettiv u bl-ispejjez ukoll ta'l-ittra ufficjali pprezentata kontestwalment ma'l-avviz rikjesta mill-Ligi kontra Fogg Insurance Agencies Ltd assigurati tal-konvenut u inkluz Lm15 konsult, kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut ipprezentata fl-24 ta' April 2003 fejn huwa eccepixxa:
1. Illi t-talba attrici ghandha tigi respinta bl-ispejjez kontra l-istess attur stante illi l-incident awtomobilistiku in kwistjoni ma sehhx tort tal-konvenut, izda htija ta'l-istess attur, u dana kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.
2. Konsegwentement, ghandha tigi respinta t-talba ghal hlas ta' danni favur l-attur.
3. Illi minghajr pregudizzju ghas-sueccepiet, l-ammont reklamat huwa eccessiv.
4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Sema' x-xhieda ta' l-attur Lawrence Gautreaux u ta' martu Marie Louise Gautreaux, kif ukoll ta' P.S.839 Stephen Micallef, u tal-konvenut Stefan Bartolo.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebiti.

Ikkunsidra,

Illi l-incident stradali mertu tal-kawza sehh f'zona piuttost nieqsa minn traffiku vicin Ghajn Tuffiegha. L-attur kien gej minn Triq il-Manikata bl-intenzjoni lli jisker lejn il-lemin tieghu sabiex imur lejn Ghajn Tuffiegha, filwaqt li l-konvenut kien gej mid-direzzjoni l-opposta u cioe' kien gej mid-direzzjoni fejn kien bi hsiebu imur l-attur, sabiex jibqa sejjer lejn il-Manikata u cioe' lejn it-triq minn fejn kien gej l-attur. F'din iz-zona, ma hemm l-ebda sinjal tat-traffiku li

jista’ jaghti indikazzjoni lis-sewwieqa hekk kif javvicinaw salib it-toroq x’regolamenti ghandhom isegwu meta ikunu qed jipprocedu sabiex jaqbdu triq ohra liema toroq huma kollha toroq sekondarji. Dana gie ikkonfermat mis-surgent tal-pulizija, Micallef li kien l-*investigating officer* f’dan l-incident.

Iz-zewg kontendenti jaghtu verzjoni opposta ta’ kif sehh dan l-incident u dana peress illi filwaqt li l-attur ighid illi huwa sab lill-konvenut ma’ wiccu gej b’velocita eccessiva, l-konvenut ighid bil-kontra u cioe’ illi huwa sab lill-attur ma’ wiccu hekk kif wasal f’salib it-toroq. Mill-iskizz esebit mis-surgent Micallef bhala Dokument SM2, jirrizulta illi l-vettura tal-konvenut halliet warajha xi brake marks, izda ma hemmx qbil rigward it-tul ta’l-istess u dana peress illi l-attur isostni, kif ikkonfermat minn martu stess, illi dawn il-brake-marks kienu itwal u cioe’ tul ta’ madwar zewg metri.

Illi qabel xejn ghandu jinghad illi l-konvenut ma jaghtix il-verzjoni tieghu ta’ kif sehh l-incident u hemm diversi punti konfliggenti fix-xhieda tieghu. Ighid illi l-vettura ta’l-attur kienet gejja mil-faccata tieghu u li f’salt minnhom huwa kiser lejn it-triq l-ohra minghajr ma waqqaf. Ir-raguni li huwa jaghti, hija illi l-attur ma waqqafx il-vettura tieghu kif lemhu u meta irrealizza li it-triq minn fejn kien hiereg hu kienet wisq dejqa sabiex tippermettielhom ighaddu t-tnejn minn hdejn xulxin, l-attur qabad u kiser lejn it-triq l-ohra. B’din il-verzjoni wiehed ma jifhimx kif setghet sehhet kollizzjoni, ghaliex kieku dan il-kaz l-incident kien jigi evitat bl-*evasive action* li ha l-attur.

In kontro-ezami madankollu l-konvenut jammetti illi l-vizwali tieghu tat-traffiku gej mid-direzzjoni minn fejn kien gej l-attur kienet ostakolta minhabba hajt oghli u r-raba li kien hemm fil-vicinanzi. Ighid ukoll illi hekk kif ra l-vettura ta’l-attur, huwa waqqaf, izda jammetti li l-vettura tieghu halliet il-*brake marks* warajha. Ighid ukoll illi l-ewwel darba li lemah il-vettura ta’l-attur din kienet tul ta’ zewg vetturi ‘l boghod minnu u ghalhekk kif rah gej zamm *brake* u waqqaf. Ghalkemm huwa jikkontendi illi kien qieghed isuq vicin hafna il-hajt tas-sejjiegh li kien hemm fuq ix-xellug tieghu, izda ikompli ighid illi hareg xi ftit ‘il barra mill-hajt

minhabba xi zrar li kien hemm fl-art vicin dana l-hajt. Dana il-fatt gie ukoll ikkonfermat mis-surgent Micallef.

Jidher madankollu illi anke il-vizwali ta'l-attur kienet kemmxejn ostakolata. L-attur madankollu lehaq ra l-vettura misjuqa mill-konvenut u ipprova jiehu azzjoni sabiex jevita l-incident billi dar lejn it-triq l-ohra, izda kien tard wisq u dan probabbilment minhabba zewg fatturi u cioe' minhabba il-fatt illi l-konvenut kien qieghed isuq kemmxejn 'il barra mill-hajt minhabba z-zrar fl-art, kif xehed huwa stess u anke minhabba il-fatt illi ma jidhirx illi huwa kien qieghed jirrallenta ghaliex wasal fl-inkrocju tat-toroq, izda jidher illi baqa' ghaddej bl-istess velocita tant illi sab lill-attur ma' wiccu u ghalhekk ma kellux bizzejjed hin sabiex iwaqqaf immedjatament u b'hekk jevita l-kollizzjoni.

Ghalhekk it-Tribunal huwa tal-fehma illi l-kawza prossima ta'l-incident kien is-sewqan tal-konvenut u dana peress illi huwa ma hax il-prekawzjonijiet kollha necessarji meta wiehed iqies il-kundizzjoni tat-toroq f'dawn l-inhawi. Inoltre ghalkemm huwa ma kellux vizwali tajba tat-traffiku gej mid-direzzjoni l-opposta xorta wahda baqa' isuq bl-istess velocita tant illi ma setax jiehu azzjoni tempestiva sabiex jevita l-incident. Ghalhekk l-*evasive action* li ipprova jiehu l-attur ma swiet ghal xejn ghaliex l-incident ma giex evitat u sehhet il-kollizzjoni. Kif gustament irriteniet il-Prim'Awla tal-Qorti Civili f'kawza fl-ismijiet Lloyds (Malta) Ltd noe vs Derin Mangion deciza fl-20 ta' April 2004: "Sewwieq bil-ghaqal isuq b'mod li jkun jista' iwaqqaf fit-tul ta' trqi li jkun jista' jara, biex ma jinhasadx b'ostakoli li jarahom tard wisq biex jilhaq iwaqqaf fit-tul ta' triq li jkun fadallu."

Illi fir-rigward tal-*quantum* tad-danni, it-Tribunal sejjer jistrieh fuq id-dokumenti esebiti mill-atturi bhala Dokumenti RC1 sa RC3, liema dokumenti ma gewx ikkontestati mill-kontro-parti, u ghalhekk l-ammont mitlub jidher li huwa gustifikat.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jiddikjara l-konvenut unikament responsabbli ghall-incident stradali mertu tal-kawza u ghalhekk filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet

kollha sollevati mill-konvenut, jilqa' it-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta' erba' mija u tnejn u tletin liri Maltin (Lm432), bl-imghaxijiet legali mill-15 ta' Novembru 2002.

L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta'l-ittri ufficjali tal-15 ta' Novembru 2002, tas-17 ta' Jannar 2003 u ta'l-ittra ufficjali ipprezentata kontestwalment ma'l-avviz kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------